**Fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 129/14/MS

**Marco Gaffarena**

**vs**

**Jason Caruana - Enigma Productions Ltd**

**Illum 12 ta' Jannar 2015**

**It Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrent, tal-10 ta' Gunju 2014

Ra r-riposta tal-intimat Jason Caruana nomine, tas-26 ta' Settembru 2014.

Sema' xhieda, ra d-dokumenti kollha ezebiti inkluz il-*wedding video*, u l-atti kollha processwali tal-kaz.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-pendenza tirrigwarda *wedding video* li r-rikorrent ordna minghand il-konvenut u/ jew is-socjeta' tieghu, liema video gie konsenjat lilu iktar minn sena u disa xhur wara t-tieg. L-ilment tar-rikorrent huwa bazat fuq in-nuqqas ta' disponibilita' da parti tal-konvenut, li ma kienx jirrispondi t-telefon, jew l-*emails* u *sms texts* li kien jibghatlu u li l-anqas ma kien disponnibli biex jiltaqa' mieghu biex jiddiskuti l-problemi li nqalghu.

Illi skond ir-rikorrent, l-kopja tal-*video* moghti lilu ma kien xejn professjonali u l-anqas ma kien skond is-sengha u l-arti. Barra minn hekk, gie moghti x'jifhem li l-prodott kien ser ikun HD (ara r-riklam moghti - Dok MG2) u fuq disc Blu Ray, pero dak illi gie moghti ma kienx effettivament hekk. Id-durata tal-video ukoll kien suggett ta' ilment peress illi dana kien qasir wisq (siegha u nofs) meta t-tieg dam hafna iktar.

Illi nonostante diversi tentattivi biex jilhqu ftehim u ghalkemm il-konvenut accetta li jaghmel hafna *editing,* sal-gurnata tal-lum dan ghadu ma sarx u r-rikorrent tilef kull fiducja li kellu fil-konvenut. Ir-rikorrent, ghalhekk, qed jippretendi r-rifuzjoni tas-somma ta' hames mit Euro (€500.00) u li jiehu lura r-RAW footage minghand il-konvenut, biex ikun jista' jiehu l-*footage* ghand xi hadd iehor ghal xoghol rimedjali.

Illi l-konvenut ikkonferma illi r-rikorrent kien ordna s-servizzi ghal filmat u l-fotografija tat-tieg tieghu li sar fit-23 ta' Lulju 2011 ghal prezz ta' €826.00 inkluz il-VAT u li dan il-prezz kien jinkludi muntagg ta' video fuq DVD, ir-ritratti kollha fuq CD u sett ta' 50 ritratt

pprintjati. Il-konvenut qal illi l-HDV camera filming ma kienx ifisser illi l-*video* kien ser ikun fil-format ta' HD ghax fil-fatt dak is-servizz ma kienux joffruh. Skond ma qal il-konvenut, kwazi sentejn wara, id-DVD kien lest u r-rikorrent gie jigbru fl-4 ta' April 2013. Xi gimghatejn wara l-konsenja, r-rikorrent ilmenta mieghu li kien hemm xi partijeit li ma ghogbuhx u li xtaq jirranghom, (Dok C, D) pero meta l-konvenut ha konjizzjoni ta' dawn l-ilmenti dehrlu illi ma kienux jaghmlu sens. Illi l-konvenut spjega li hu ma setax jaghti r-rikorrent ir-*raw footage* ghaliex dan ma kienx possibbli u ghaliex il-*footage* jibqa propjeta' taghhom - u dan skond il-kuntratt orginali. Illi skond il-konvenut, is-somma ta' €826 kien jinkludi wkoll il-VAT, u l-prezz tal-fotografija, li ma hemmx ilment fuqu u li ghalhekk dan ma jistax jifforma parti mit-talba.

**Ikkunsidra;**

It-Tribunal kellu okkazjoni jara l-*video,* kif ukoll ir-ritratti mahduma mil-konvenut/ socjeta' konvenuta. Minkejja li r-ritratti mhumiex parti mit-talba tar-rikorrent, it-Tribunal ihoss li ghandu josserva illi dawn mhumiex ta' *standard* accettabbli u fihom nuqqas ta' irfinitura li jhalli toma qarsa lil min jarahom.

Illi rigward il-*video* propja, mertu tal-kawza odjerna, t-Tribunal jirrikonoxxi illi seta' kien hemm nuqqas ta' manuvrar minhabba il-post ristrett fejn sar it-tieg, fejn il-fotografu ma kellux ghazla ta' siti jew okkazzjonijiet xi ivarja waqt ir-reception. Pero, min-naha l-ohra, ic-caqliq tal-camera turi nuqqas ta' professjonalita' kif ukoll is-sinkronizzazjoni bejn il-muzika u l-kliem tal-mistednin. Hafna mill-ilmenti tar-rikorrent jidhru li huma gustifikati u bhala pakkett, mhemmx dubju li dan ma kienx skond l-arti u s-sengha. Zgur mhux ta' dak l-ammont illi hallas ghalih ir-rikorrent. Dwar l-ilment tat-tul tal-*video*, it-Tribunal jaqbel li siegha u nofs huwa ftit qasir, specjalment meta wiehed jikkunsidra illi dan kien jkopri kemm il-quddiesa, kif ukoll ir-reception li hadu madwar sitt sieghat.

It-Tribunal jinnota wkoll illi meta wiehed jirriklama s-servizzi tieghu bhala HDV camera filming u HD Editing, ma jistax umbaghad ighid illi l-fatt illi l-prodott finali sar fuq SD DVD ma jnaqqasx xejn mill-kwalita' tal-prodott finali. It-tribunal ihoss illi r-rikorrent kellu kull dritt jippretendi kwalita' HD u kien gie zvijat u ingannat b'dak li gie imwieghed.

Illi t-Tribunal josserva ukoll it-tul taz-zmien esagerat illi l-konvenut/ socjeta' konvenuta hadu sabiex ilestu x-xoghol u jikkonsenjawh lill-attur. Mhuwiex minnu illi l-attur dam ma gabru. L-*emails* ezebiti juru bic-car kemm il-darba l-attur ipprova jikkomunika mal-konvenut biex ilestilu x-xoghol, u hafna drabi, l-konvenut lanqas indenja ruhu jirrispondi. Dan ukoll jimmerita ammont ta' danni, peress illi juri nuqqas ta' serjeta kbira da parti tal-konvenut, li kkawza ansjeta' lir-rikorrent li l-prodott finali tieghu ma kienx ser ikun sodisfacenti. Kif fil-fatt ma kienx.

Illi rigward it-talba ghal *raw footage*, it-Tribunal jirrikonoxxi illi dana huwa u jibqa' propjeta' tal-fotografu ghar-ragunijiet ovvja ta' *copyright*, u kif stipulat fil-kuntratt. Ghalhekk mhux possibbli illi t-Tribunal jordna li dan jinghata lir-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi,**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi, lli jilqa' parti mit-talba tar-rikorrent, jiffissa l-ammont ta' danni minnu subiti, *arbitrio bono viri* fl-ammont ta' €500 (hames mitt Euro) u jordna lill-konvenut/ socjeta' konvenuta li jhallas dan l-ammont lir-rikorrent, bl-ispejjez kontra l-konvenut/socjeta' konvenuta.

**Av. Michela Spiteri**
**Arbitru**

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/169/14/S

Christen u Tiziana konjugi Gatt

Vs

James Cachia ezercenti l-kummerc bhala Malta Glass Creations

Illum 15 ta'Jannar,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-konjugi Gattipprezentata fit-23 ta'Lulju,2014 filwaqt li James Cachia ezercenti l-kummerc bhala Malta Glass Creations, ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-7 ta'Novembru,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'engraving' li sar hazin fis-sens li d-data taz-zwieg giet imnizzla hazin fuq 'flutes' li ma setghux jintuzaw waqt it-tieg mir-rikorrenti;

Illi jinghad mal-ewwel li James Cachia ezercenti l-kummerc bhala Malta Glass Creations naqas milli jwiegeb ghat-talba tal-konjugi Gatt u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik tal-konjugi Gatt li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjegaw kif waslu ghat-talba ta' €298 u pprezentaw kopji tal-ircevuti relattivi;

Illi min-naha l-ohra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tieghu;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Christen u Tiziana konjugi Gatt u Jordna lil James Cachia ezercenti l-kummerc bhala Malta Glass Creations ihallas lil Christen u Tiziana konjugi Gatt is-somma ta' €298 kif konfermata bil-kopji tal-ircevuti pprezentati, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimat James Cachia ezercenti kummerc bhala Malta Glass Creations.

Richard Sladden Av.
Arbitru